MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 133/2005

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet tas-16 ta' Mejju 2005 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B nee' D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu f' Malta nhar l-14 ta' Novembru tas-sena 1992 (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. JC 1)

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-kunsens ta' l-attur kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u anomalija psikologika fit-termini ta' l-Art. 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien illi sar iz-zwieg setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Premess illi l-partijiet isseparaw formalment hekk kif jirrizulta mill-Kuntratt tas-separazzjoni hawn anness u markat Dok. JC 2;

Premess illi l-partijiet m' ghandhomx ulied.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet huwa null skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li millum hija ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u ghalhekk irrizervaw li jissottomettu eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta assenti fl-14 ta’ Novembru 1992 jigi dikjarat null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] minn naha da l-attur, u fit-termini tal-paragrafi [d] u [h] da parti tal-konvenuta, ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi.

Mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li fl-14 ta’ Novembru 1992 l-attur, cittadin malti li allura kellu 33 sena izzewweg lill-konvenuta, cittadina germaniza divorzjata li allura kellha 42 sena, u dana wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Sussegwentemnet l-attur skopra li l-konvenuta kienet tbati mill-alkoholizmu, liema fattur kien jeziti qabel iz-zwieg izda li l-konvenuta kienet zammet mistur minnu. Rizultat ta’ din id-dependenza tal-konvenuta fuq l-alkohol, iz-zwieg bejn il-partijiet rriskontra tfixkil serju anke fir-relazzjonijiet intimi taghhom, b’ mod li frekwentement il-konvenuta ma kienitx fil-posizzjoni li taqdi l-obbligazzjonijiet matrimonjali. Ghalkemm l-attur kien ipprova jghin lill-konvenuta biex tisspuera dan il-vizzju ossia dipendenza taghha, dan ma kellux ezistu posittiv. Sussgwentement il-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali u ma ghamlet ebda kuntatt aktar ma’ l-attur.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Fid-deposizzjoni tieghu l-attur jghid li l-konvenuta kienet tkun “Dejjem rieqda, dejjem ugigh ta’ ras, l-alkoholizmu interfirja hafna mal-relazzjoni . . . mhux intimi biss, intimi, emozzjonali, socjali, u b’ kull mod li tista’ timmagina. Jiena qatt ma kont nassumi li kienet daqshekk problema.”

Mill-kwadru premess tal-fatti, il-Qorti tirravvisa l-ezistenta tal-capita nullitatis kontemplati fit-tieni parti tal-paragrafu [d] da parti tal-konvenuta u dak kontemplat fil-paragrafu [c] da parti ta’ l-attur. I d-dipendenza tal-konvenuta fuq l-

alkohol f’ dan il-kaz tikkwalifika bhala anomalija psikologika serja li kienet ta’ xkiel kbir fil-hajja matrimonjali tal-partijiet. Inoltre, il-fatt li l-konvenuta kienet konxja ta’ din il-problema li kellha u l-fatt li zammitha mistura mill-attur jintegraw il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [c] stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien inkiser b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenuta li fixklet serjament il-hajja mizzewwga.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timme**C** li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ Novembru 1992. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------